suspensjoni

PA

NE

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi**

**vs.**

**l-Awtorità tal-Ippjanar u**

**Mr Mark Agius**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
17 DEC 2019
ST FRANCIS DITCH FLORIANA

**PA/00941/19**

**Rikors għas-sospensjoni tal-permess PA/00941-19 tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi**

Tesponi bir-rispett:

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors qed jiġi intavolat rikors tal-appell mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar tal-31 ta' Ottubru 2019 (ippubblikata nhar l-20 ta' Novembru 2019) dwar l-applikazzjoni numru PA/00941/19 għal permess ta' żvilupp minn Mr Mark Agius (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Permess").

Illi a tenur tal-Artikolu 33 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Awtorità appellanti qiegħda umilment titlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Permess sakemm jiġi deċiż ir-rikors tal-appell.

Illi l-Permess mertu tal-appell odjern ma jaqax taħt l-eċċezzjonijiet għas-sospensjoni msemmija fil-proviso tal-Artikolu 33(1) tal-Kap 551.

Illi s-sit mertu tal-każ odjern jinsab fil-Qala, Għawdex, sit fuq art verġni mogħnija b'xagħri, f'żona proposta bħala *Area of Ecological Importance* u protetta bħala *Area of High Lanscape Sensitivity* u kif jidher ċar mill-Mapep 13.1-A u 13.1-B tal-Gozo and Comino Local Plan (GCLP).

Illi huwa ċar li jekk l-iżvilupp jitħalla jinbeda fil-mori ta' dan l-appell ser ikun hemm preġudizzju fuq is-sit f'każ illi l-istess appell ikollu eżitu favorevoli.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti l-Awtorità appellanti titlob bir-rispett lil dan l-Onor. Tribunal sabiex a tenur tal-Artikolu 33 tal-Kap 551 jissospendi l-eżekuzzjoni tal-Permess.

Av. Paula Axiak
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa MRS 1441
paula.axiak@era.org.mt

Notifika: Awtorità tal-Ippjanar, St. Francis Ravelin, Floriana

Mark Agius, Ta' Dirjanu, Triq Qasam San Ġorġ, Victoria VCT 1906, Gozo